## Laqgha Numru 09/K3/2000

## Introduzzjoni

Minuti tad-Disa' Laqgha tas-sena 2000 tat-Tielet Kunsill Lokali Pembroke li saret nhar l-Erbgha 14 ta' Gunju 2000.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Ufficcju Amministrattiv tieghu, Triq Alamein, Pembroke, fil-5.30 pm.

Prezenti: Is-Sindku Joe Zammit, il-Vici Sindku Paul Baldacchino, il-Kunsilliera Carmela Attard, Ray Pace u Pierre Cordina flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg.

Kien hemm prezenti wkoll il-pubbliku.

## Agenda

Il-Kunsill mexa fuq l-avviz li gie ppubblikat fit-8 ta' Gunju 2000. L-**Agenda** kienet hekk

1. **Approvazzjoni tal-Minuti 08 / K3 / 2000.**
2. **Mistoqsijiet.**
3. **Korrispondenza.**
4. **Ismijiet tat-Toroq.**
5. **Diskussjoni rigward in-North Harbour Plan.**
6. **Approvazzjoni tal-kontijiet.**
7. **Materji Ohra.**

## 1. Approvazzjoni tal-Minuti 08/K3/2000.

1.1. Il-Kunsillier Ray Pace ressaq emendi ghal-item 5.2 biex fir-raba' linja wara l-kliem ***ghamel riferenza*** jidhol il-kliem ***fost ohrajn***, ghal-item 10.1 fit-tielet linja minflok il-kelma ***il-kelliem*** ghandha ssir ***il-Kunsillier Ray Pace***, ghal-item 10.2 minflok il-kliem ***il-Kunsillier Ray Pace*** jidhol il-kliem ***il-Vici Sindku Paul Baldacchino***.

1.2. Wara diskusjsoni li saret rigward item 4, fuq rakkomandazzjoni tas-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg, is-Sindku Joe Zammit talab li jsir transcript ta' dak li ntqal waqt il-laqgha biex wara jigi mibdul minflok dak li gie rrapurtat biex ma

jkunx hemm misinterpretazzjonijiet ta' dak li seta' ntqal u dan minhabba n-natura tas-suggett.

1.3. Is-Sindku Joe Zammit ppropona l-approvazzjoni tal-Minuti riferenza 08/K3/2000 kif emendati.

1.4. Il-Vici Sindku Paul Baldacchino ssekonda.

1.5. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 2. Mistoqsijiet.

2.1. Peress li ma kienx hemm mistoqsijiet is-Sindku Joe Zammit ghadda ghal-item li kien imiss.

## 3. Korrispondenza.

3.1. Fuq il-mejda tal-Kunsill qabel u waqt il-laqgha, kien hemm il-kontijiet u l-korrispondenza kollha li dahlet bejn l-24 ta' Mejju u l-14 ta' Gunju 2000 u dan ghas-sodisfazzjon tal-Kunsilliera. Fost l-ittri kollha saret riferenza ghal-

| Rif. | Suggett |
|---|---|
| 978 | Ittra minghand il-Ministeru ghas-Servizzi Ekonomici jitolbu li jkunu nfurmati b'isem il-Kunsillier responsabbli mis-settur kummercjali. |
| 891 | Ittra minghand l-Awtorita' ta' l-Ippjanar rigward l-applikazzjoni tal-Kunsill biex isir xoghol ta' embellishment tal-passagg bejn Triq Alamein u Triq Giorgio Mitrovich. |
| 893 | Kwotazzjoni minghand ECAM Scicluna ghal-xoghol hdejn il-Playing Field ta' Triq Falaise. |
| 894 | Ittra minghand St Michael School rigward is-summer schools. |
| 898 | Memo 41/2000 – Land Department Rents Collecton Devolution to Local Councils. |
| 902 | Kopja ta' kuntratt ghaz-zamm u manutenzjoni tal-gonna minghand il-MITTS. |
| 915 | Ittra minghand is-sur C Cousin jofri s-servizzi tieghu dwar l-ippjanar ta' gonna. |
| 916 | Ittra minghand l-Awtorita' ta' l-Ippjanar rigward lista t'applikazzjonijiet godda. |
| 927 | Kwotazzjoni minghand IT services rigward il-programm tal-kompjuter Norton System Works Anti Virus. |
| 960 | Ittra minghand il-Ministeru ghat-Trasport u Kommunikazzjoni jinforma lill-Kunsill fil-bdil tad-data tal-laqgha mal-Kunsill. |
| 971 | Ittra minghand l-Enemalta rigward lista ta' lampi godda li gew approvati. |
| 980 | Ittra minghand l-Awtorita' tat-Turizmu jitolbu nformazzjoni dwar il-lokal. |
| 992 | Ittra minghand il-Ministeru ghas-Servizzi Ekonomici rigward il-kummerc fil-lokal. |
| 1013 | Kwotazzjoni minghand is-sur Victor Agius ghal-xoghol ta' dawl fil-Gnien li hemm fi Triq Camillo Sciberras. |
| 1014 | Kopja t'ittra li l-Ufficcjal Awtorizzat baghat lill-Guard & Wardens dwar is-servizz tal-Gwardjani fil-lokal. |
| 1017 | Rapport dwar iz-Zamma u Manutenzjoni tat-Toroq Mhux Urbani. |
| 1026 | Malta Travel & Incentives jitolbu l-permess tal-Kunsill biex jigi mpoggi dome |

temporanju fil-ground l-abjad.

3.2. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **978** is-Sindku Joe Zammit ppropona li l-Kunsill jinnomina lill-Vici Sindku Paul Baldacchino biex ikun il-Kunsillier responsabbli mis-settur kummercjali fil-lokal inkonnessjoni mat-tffasil ta' Politika Kummercjali ghall-lokal.

3.3. Il-Kunsillier Ray Pace ssekonda.

3.4. Il-Kunsill qabel unanimament.

3.5. Il-Vici Sindku Paul Baldacchino qal li kien attenda laqgha dwar dan is-suggett liema diskussjoni ma kienetx applikabbli ghal-lokal minhabba l-fatt li kienet tikkoncerna fuq xogholijiet li qed isiru fuq zoni turistici matul ix-xhur tas-Sajf.

3.6. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **891** is-Sindku Joe Zammit ppropona li l-Kunsill jinforma lill-kumpanija MED Design Consultants Limited biex jippreparaw full plans inkluz l-applikazzjoni ma' l-Awtorita' ta' l-Ippjanar biex jigi msebbah il-passagg li hemm bejn Triq Alamein u Triq Giorgio Mitrovich minhabba l-fatt li l-applikazzjoni GDO ma gietx milqugha ghax is-sit huwa mdawwar bil-bini skedat.

3.7. Il-Vici Sindku Paul Baldacchino ssekonda.

3.8. Il-Mozzjoni ghaddiet ghall-vot fejn is-Sindku Joe Zammit, il-Vici Sindku Paul Baldacchino u l-Kunsilliera Pierre Cordina u Carmela Attard vvutaw favur filwaqt li l-Kunsillier Ray Pace astjena.

**3.9.** Il-Mozzjoni ghaddiet.

**3.10.** B'riferenza ghall-korrispondenza numru **893** is-Sindku Joe Zammit ppropona biex is-somma ta' Lm 4,5000.00 li hija parti mil-vot ta' Urban Embellishment tigi wzata biex isir xoghol ta' parking spaces u rrangar tal-madwar fejn qed isir l-Upgrading tal-Playing Filed ta' Triq Falaise u dan skond il-pjan anness. Il-kelliem qal li s-somma ta' Lm 4,500 harget fuq rakkomandazzjoni tal-Perit Samuel Formosa li huwa l-Perit inkarigat mix-xoghol fuq il-Playing Field biswit u ghalhekk ppropona wkoll li x-xoghol isir taht supervizjoni tal-Perit Samuel Formosa, bil-kuntrattur J & K Construction minhabba l-fatt li x-xoghol ghandu x'jaqsam maz-zamma u manutenzjoni tat-Toroq kif ukoll li jigu nfurmati r-residenti ta' l-akwati bix-xoghol. **( Ara Appendici A )**

3.11. Il-Kunsillier Ray Pace sekonda.

3.12. Il-Kunsill qabel unanimament.

3.13. Il-Kunsillier Ray Pace ppropona li jsir xoghol ta' embellishment skond il-pjanti ppreparati w annessa mill-kumpanija MED Design Consultants quddiem Blokk 4 Qasam tad-Djar Sant Andrija, li x-xoghol isir mil-kuntrattur J & K Construction minhabba l-fatt li x-xoghol ghandu x'jaqsam maz-zamma u manutenzjoni tat-Toroq kif ukoll li jigu nfurmati r-residenti ta' l-akwati bix-xoghol. **( Ara Appendici B )**

3.14. Is-Sindku Joe Zammit ssekonda.

3.15. Il-Kunsill qabel unanimament.

3.16. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **894** is-Sindku Joe Zammit qal li kien ser ikellem lill-kumpanija Guard & Warden biex jekk huwa possibbli jigi provdut

Gwardjan Lokali biex jaghmel diskussjoni mat-tfal ta' l-Iskola Fondazzjoni San Mikiel waqt is-Summer School li ser izommu.

3.17. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **902** il-Kunsillier Ray Pace talab lill-Vici Sindku Paul Baldacchino biex jifli l-ispecifikazzjonijiet li hemm fit-tender biex wara dan ikun jista' jinhareg b'sejha pubblika.

3.18. Il-Vici Sindku Paul Baldacchino ressaq internal memo lill-Kunsill dwar xogholijiet li hemm bzonn li jsiru fil-gnien. **( Ara Appendici C )**

3.19. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **916** il-Kunsill qabel unanimament li joggezzjona ghal-applikazzjoni riferenza 1552/2000 ta' l-Awtorita' ta' l-Ippjanar minhabba l-fatt li l-izvilupp propost huwa barra z-zona ta' l-izvilupp.

3.20. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **927** il-Kunsillier Ray Pace ppropona li l-Kunsill jaccetta l-kwotazzjoni ta' l-IT Group biex jinxtara n-Norton Systems Works Unti Virus.

3.21. Il-Vici Sindku Paul Baldacchino ssekonda.

3.22. Il-Kunsill qabel unanimament.

3.23. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **1013** is-Sindku Joe Zammit talab il-kummenti tal-Kunsillier Paul Baldacchino.

3.24. Wara diskussjoni qasira l-Vici Sindku Paul Baldacchino ppropona li l-Kunsill ghandu jigbor kwotazzjoni dwar l-ispiza biex jinbidlu l-fuses u l-bozoz kollha ta' l-arbli tal-gnien, li jsiru kuntatti mal-Malta Playing Fields Association biex jinghata griz u jissewwew ir-rings tal-bandli, li jitqabbad is-sur Victor Agius biex isolvi l-problema tad-dawl u jinstalla salvavita gdida u dan skond il-kwotazzjoni li baghat lill-Kunsill, jitqabbad il-kuntrattur J & K Construction biex jaghmel xi xoghol zghir ta' paving Blocks kif ukoll meta jkun possibbli u wara li jigi emendat il-programm ta' xoghol tal-Handyman tal-Kunsill dan jaghmel xoghol ta' zebgha u vernic l-ghamara kollha li hemm fil-gnien kif ukoll li titbajjad minn barra w minn gewwa l-binja li hemm. Il-kelliem ppropona wkoll li l-fondi ghal-dan ix-xoghol ghandhom jittiehdu minn vot 3061, 3065 u jekk dan ma jkunx bizzejjed minn vot 7240.

3.25. Is-Sindku Joe Zammit ssekonda.

3.26. Il-Kunsill qabel unanimament

3.27. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **1017** il-Vici Sindku Paul Baldacchino u l-Kunsillier Ray Pace talbu li l-WMSID ma jithallasx tax-xoghol li mhux qed isir u li dan qed jigi rifless mir-rapporti li qed isiru mil-Field Branch Services Unit.

3.28. Il-Kunsillier Ray Pace ghamel riferenza ghall-korrispondenza **1019** u **1027** fejn talab ukoll aktar informazzjoni dwar ix-xoghol li suppost qed isir mil-Gwardjani Lokali. Il-kelliem qal li ma jistax ikun li ma tigiex solvuta l-problema ta' l-iskart. Il-kelliem irrakkomanda li jintbaghat Gwardjan fi Triq il-Mediterran bejn il-11.00 pm u 12.00 am minhabba l-fatt li minn informazzjoni li ghandu huwa l-hin meta r-residenti f'din it-triq qed johorgu l-iskart taghhom ghal-ghada filghodu.

3.29. Is-Sindku Joe Zammit qal li flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg kienu marru l-Ghassa tal-Pulizjia San Giljan biex jaghmlu rapport izda ftit li xejn instabet koperazzjoni minn min kien prezenti l-Ghassa u ghal dan il-ghan kien gie deciz li jintbaghat ilment formali lill-Ispettur biex jinvestiga r-rapporti

tal-Kunsill biex jekk huwa possibbli jittiehdu passi kontra min qed jarmi skart illegalment madwar il-lokal.

3.30. Il-Kunsillier Ray Pace qal li l-iskart ta' l-Iskola Gholja Santa Katerina qed jinhareg nhar ta' Sibt fl-12.00pm.

3.31. Il-Kunsillier Carmela Attard qalet li l-Iskola St Michaels qed joohorgu l-iskart taghhom ghal-habta tal–5.00 pm.

## 4. Ismijiet tat-Toroq.

4.1. Is-Sindku Joe Zammit talab lill-Kunsillier Ray Pace biex iressaq il-proposti tieghu skond kif kien gie deciz fil-laqgha precedenti.

4.2. Il-Kunsillier Ray Pace ressaq pjanta ddettaljata bil-proposti ta' l-ismijiet godda tat-toroq kif ukoll mozzjoni kif titlob il-procedura.

4.3. Wara diskussjoni qasira u wara li saru xi emendi mill-Kunsilliera prezenti - Kunsillier Ray Pace ppropona numru t-ismijiet tat-toroq godda skond il-pjanta annessa. **( Ara Appendici D u E )**

4.4. Il-Vici Sindku Paul Baldacchiono ssekonda.

4.5. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 5. Diskussjoni rigward in-North Harbour Plan.

5.1. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li minhabba li kien sar il-hin gie deciz li din l-item tigi diskussa aktar tard.

## 6. Approvazzjoni tal-kontijiet.

6.1. B'riferenza ghall-kont tal-WMSID ghax-xoghol ta' knis tat-toroq mhux urbani ghax-xahar ta' Mejju l-Vici Sindku Paul Baldacchino ppropona li ma jithallasx kif ukoll li jitnaqqas b'60% il-kont tal-knis tal-knis u qtugh tal-haxix tat-toroq urbani ghax-xahar ta' Mejju.

6.2. Il-Kunsillier Ray Pace ssekonda.

6.3. Il-Kunsill qabel unanimament.

6.4. Is-Sindku Joe Zammit ppropona l-approvazzjoni tal-kontijiet skond kif emendati. **( Ara Appendici F )**

6.5. Il-Kunsillier Carmela Attard ssekondat.

6.6. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 7. Materji Ohra.

7.1. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li ser tinkiteb ittra lill-Awtorita' ta' l-Ippjanar biex jinbeda process ghall-Pjan t'Azzjoni ghall-Harsien ta' l-Area protettat tal-Blat u l-inhawi tal-Bajja u dan skond laqgha li kienet saret mas-sur Alex Camilleri Ufficcjal ta' l-Awtorita'. Il-kelliem qal ukoll li kienet ser tinkiteb ukoll ittra ohra biex tingibed l-attenzjoni ta' l-Awtorita' dwar it-thawwil ta' sigar fit-Triq il-Gdida u dan minhabba l-fatt li minn spezzjoni li saret jirrizulta li mhux

prattikabbli li jithawwlu sigar fil-parti li tigi kantuniera ma' Triq il-Mediterran ghax ikun ta' periklu ghat-traffiku.

7.2. Is-Sindku Joe Zammit ghamel riferenza ghax-xoghol li qed isir fil-Playing Field ta' Triq Falaise fejn qal li nnota li x-xoghol ta' gebel li sar mhux accettabbli.

7.3. Wara diskussjoni qasira gie deciz li l-Kunsillier Ray Pace ser jaghmel spezzjoni tal-post biex wara tinkiteb ittra lill-Perit Samuel Formosa biex tingibed l-attenzjoni lill-kuntrattur ghal dan.

7.4. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg talab lill-Kunsillier Ray Pace biex jinfurmah minn fejn ghandhom jghaddu l-pajpijiet tad-dawl.

7.5. Il-Kunsillier Ray Pace qal li dawn ghandhom jghaddu minn taht il-konkoss tal-passaggi man-naha tal-hajt biex ladarba jsiru l-arbli dawn ikunu jistghu jitpoggew fil-hamrija.

7.6. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg talab lill-Vici Sindku Paul Baldacchino biex jindika fejn ser isiru l-konki tas-sigar minhabba l-fatt li jekk ma jsirux issa tkun ta' problema aktar il-quddiem ghax dawn ghandhom jigu ndikati s'ghada filghodu minhabba l-programm ta' xoghol tal-kuntrattur.

7.7. Il-Vici Sindku Paul Baldacchino qal li jekk isib cans l-ghada filghodu kien ser imur fuq il-post u jimmarka fejn ghadhom jigu l-konki.

7.8. Is-Sindku Joe Zammit ppropona li l-Kunsill iqabbad lill-Kumpanija MED Design Consultants Limited biex jaghmlu applikazzjoni formali ma' l-Awtorita' ta' l-Ippjanar biex isir Upgrading l-area ta' bejn Triq il-Fortizza, Triq Burma u Triq Luigi Billion inkluz l-upgrading ta' Triq Burma.

7.9. Il-Kunsillier Ray Pace ssekonda.

7.10. Il-Kunsill qabel unanimament.

7.11. Is-Sindku Joe Zammit ppropona li l-Kunsill jaddotta r-rakkomandazzjoni tas-Surgent Zammit tat-traffiku biex issir applikazzjoni biex il-fuq minn St Catherine High School issir tabella li jista' jsir parking fuq it-Tow Zone bejn 13.30 u 14.00 waqt il-granet ta' l-iskola.

7.12. Il-Kunsillier Ray Pace ssekonda.

7.13. Il-Kunsill qabel unanimament.

7.14. Is-Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill Kevin Borg talab lill-Kunsill jigwidah dwar id-decizjoni li ttiehdet fil-laqgha numru 06/MK3/2000 riferenza 4.26 sa 4.28 dwar il-kwotazzjoni biex isir updating tal-Home Page tal-Kunsill minn kumpanija privata. Il-kelliem xtaq ikun jaf jekk id-decizjoni tfissirx li ser isir ix-xoghol u jekk iva mil-liema vot ser jinhargu l-finanzi minhabba l-fatt li dan ma kienx inkluz fl-Estimi Annwali tal-Kunsill.

7.15. Is-Sindku Joe Zammit qal li decizjoni u diskusjsoni dwar dan issir f'laqgha ohra.

7.16. Is-Sindku Joe Zammit staqsa lill-Kunsillier Ray Pace dwar il-materjal li kellu jsir ghall-locality Maps kif ukoll dwar l-updating ta' l-inventarju tat-tabelli u marki tat-traffiku minhabba l-fatt li sa l-ahhar tax-xahar din l-informazjzoni ghandha tintbaghat lid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali.

7.17. Il-Kunsillier Ray Pace qal li dwar il-locality maps ikun aktar ghaqli li dawn isiru wara li jigu approvati l-ismijiet godda tat-toroq. Fir-rigward ta' l-inventarju tal-marki u tabelli tat-traffiku qal li dan kien qed jippreparah.

7.18. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li hadd mir-residenti ta' Blk 5 Qasam tad-Djar San Gorg ma kien wiegeb l-ittra tal-Kunsill. Il-kelliem qal li l-ittri kienu tqassmu personalment minnu dar dar.

7.19. Il-Kunsill qabel unanimament li jekk il-Ministeru koncernat jitlob il-kummenti tal-Kunsill, il-Kunsill ghandu jinfurmah li hadd mir-residenti ma wiegbu l-ittra li kiteb il-Kunsill lil-istess residenti.

7.20. Is-Sindku Joe Zammit fakkar lill-Vici Sidnku Paul Baldacchino u l-Kunsillier Ray Pace li l-istqarrija ghal-istampa rigward il-Mizbla tal-Maghtab li kienet giet deciza li tintbaghat fil-laqgha numru 06/K3/2000 ghada ma waslitx lill-Kunsill.

7.21. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li l-Kunsill gie nfurmat li l-latrini tal-Gnien li hemm fi Triq Camillo Sciberras ser jibdew jinfethu kulljum. Il-kelliem informa lill-Kunsill li l-laqgha li kellha ssir ma' l-Onorevoli Ministru Censu Galea ser issir nhar il-Hamis 22 ta' Gunju fil-11.00 am il-Ministeru.

7.22. Is-Sindku Joe Zammit ppropona li l-Kunsill japplika biex issir No U Turn minn Triq l-Imhallef William Harding ghal-Triq Tunis u vici versa fis-sit fejn hemm is-sigar taz-zebbug mizrugh.

7.23. Il-Kunsillier Ray Pace ssekonda.

7.24. Il-Kunsill qabel unanimament.

7.25. Is-Sindku Joe Zammit ghamel riferenza ghad-diskussjoni li kienet saret dwar il-hatra ta' President ghall-Kunsill Skolastiku ta' l-Iskola Primarja Bice Mizzi Vassallo. Il-kelliem qal li n-nomina tas-sur Mark Fenech Laudi mhux valida ghax ghandu tfal fl-istess skola filwaqt li s-sur Gerald V Bilocca qal Ii kien lest li jaccetta l-kariga jekk jigi n-nominat mill-Kunsill.

7.26. Il-Vici Sindku Paul Baldacchino nnomina lis-sur Mark Causon ghal din il-kariga.

7.27. Hadd mill-Kunsilliera pprezenta mas-ssekonda u ghalhekk il-mozzjoni waqghet.

7.28. Il-Kunsillier Ray Pace nnomina lis-sur Gerald V Bilocca ghal-hatra ta' President ghall-Kunisll Skolastiku ta' l-Iskola Primarja Bice Mizzi Vassallo.

7.29. Il-Kunsillier Carmela Attard ssekondat.

7.30. Il-Mozzjoni ghaddiet ghall-vot fejn is-Sindku Joe Zammit u l-Kunsilliera Carmela Attard, Ray Pace u Pierre Cordina vvutaw favur filwaqt li l-Vici Sindku Paul Baldacchino astjena.

7.31. Il-Mozzjoni ghaddiet.

7.32. Il-Laqgha giet aggornata fid-9.30 pm wara li ntlahaq ftehiem li l-laqgha titkompla nhar l-Erbgha 21 ta' Gunju 2000 fl-4.30 pm. bit-tkomplija ta' l-Agenda.

## Laqgha Numru 09/K3/2000 - Tkomplija

## Introduzzjoni

Tkomplija tal-Minuti tad-Disa' Laqgha tas-sena 2000 tat-Tielet Kunsill Lokali Pembroke li tkompliet nhar l-Erbgha 21 ta' Gunju 2000.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Ufficcju Amministrattiv tieghu, Triq Alamein, Pembroke, fl-4.30 pm.

Prezenti: Is-Sindku Joe Zammit, il-Vici Sindku Paul Baldacchino, il-Kunsilliera Carmela Attard, Ray Pace u Pierre Cordina flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg.

## Agenda

Il-Kunsill mexa fuq l-avviz li gie ppubblikat fit-8 ta' Gunju 2000. L-**Agenda** kienet hekk

1. **Approvazzjoni tal-Minuti 08 / K3 / 2000.**
2. **Mistoqsijiet.**
3. **Korrispondenza.**
4. **Ismijiet tat-Toroq.**
5. **Diskussjoni rigward in-North Harbour Plan.**
6. **Approvazzjoni tal-kontijiet.**
7. **Materji Ohra.**

## 5. Diskussjoni rigward in-North Harbour Plan.

5.1. Is-Sindku Joe Zammit talab lill-Kunsilliera prezenti biex jikkumentaw fuq kull policy li kienet qed tigi proposta mill-Awtorita' ta' l-Ippjanar biex wara ssir laqgha pubblika f'liema laqgha r-residenti jigu nfurmati bil-kummenti tal-Kunsill.

5.2. B'riferenza ghall-policy **NHPE 01** kien hemm qbil generali bejn il-Kunsilliera nkluz ukoll li ssir rakkomandazzjoni lill-Awtorita' biex is-sit jikber biex ikun hemm lok ta' Bus Terminus u dan skond ix-xewqa ta' l-Onorevoli Ministru Censu Galea u r-residenti tal-lokal.

5.3. B'riferenza ghall-policy **NHPE 02** il-Vici Sindku Paul Baldacchino qal li hu kien jaqbel mal-principju li l-bini l-gdid li ser jitla' fil-lokal ikollu gholi ta' tlett sulari izda ma kienx jaqbel li l-policy taghti lok lill-bini diga ezistenti jkun accessibbli li jizdied b'sular iehor u ghal dan il-ghan qal li hu kien tal-fehma li l-Kunsill ghandu joggezzjona ghal din il-policy.

5.4. Il-Kunsillier Ray Pace kien tal-fehma li l-policy ghandha tigi emendata biex djar li diga ghandhom tlett sulari fejn il-basement m'hu xejn hlief sular iehor minn wicc it-triq bhal f'certi kazi fi Triq il-Mediterran u toroq ohra dawn m'ghandhomx jinghataw permess biex joghlew aktar.

5.5. Is-Sindku Joe Zammit qal li s-suggeriment tal-Kunsillier Ray Pace jaghmel aktar sens u huwa aktar validu.

5.6. Rigward din il-policy l-Kunsilliera qablu mal-fehma tal-Kunsillier Ray Pace ghajr il-Vici Sindku Paul Baldacchino li ma qabilx.

5.7. B'riferenza ghall-policy **Ný□E 03** kien hemm qbil generali bejn il-Kunsilliera ma' kif proposta l-policy.

5.8. B'riferenza ghall-policy **NHPE 04** kien hemm qbil generali bejn il-Kunsilliera biex is-sit immarkat ghall-bini Sit E jitnehha biex minflok jithalla post ghall-gnien u dan minhabba l-fatt li l-area partikulari ma tiflahx ghal aktra bini, s-sit jinsab bejn il-Fortizza u s-sit fejn hemm propost li jkun ic-Centru tal-lokal kif ukoll minhabba probelma ta' blind corners li hemm.

5.9. B'riferenza ghall-policy **NHPE 05** kien hemm qbil generali bejn il-Kunsilliera li ghandha jkun hemm attenzjoni specjali ghal zvulipp li jista' jintalab li jkun barra z-zona ta' l-izvilupp u dan skond policies ohra li hemm fid-dokument.

5.10. B'riferenza ghall-policy **NHPE 06** kien hemm qbil generali bejn il-Kunsilliera li minbarra fejn huwa ndikat jizdiedu partijiet ohra madwar il-kosta u ma' Triq il-Mediterran lejn in-naha ta' l-Iskola Sir Adrian Dingli u dan biex tinholoq dawra cirkulari. **( Ara Appendici G )**

5.11. B'riferenza ghall-policy **NHPE 07** kien hemm qbil generali bejn il-Kunsilliera li l-Kunsill ma jaccettax li jinbnew skejjel godda biex jigu okkupati minn skejjel li m'humiex diga ezisteni fil-lokal. Il-Bini ta' skejjel godda ghandu jservi biss ghal-realokkazzjoni jew estenzjoniijiet ta' sekejjel ezistenti. Fir-rigward ta' l-art indikata ghal-estenzjoni tal-Verdala International School, il-Kunsill qed jitlob li s-sit bejn Triq Cassino, Triq Camillo Sciberras u Triq Mons. Mifsud Tommasi ma jithallix jitla' bini f'aktar minn 30% ta' l-art kif ukoll jithalla spazju ta' 6 metri tul Triq Cassino biex isir landscaping kif ukoll li l-bini fuq is-sit m'ghandux jaqbez il-linja ma' Triq Napuljun Tagliaferro u dan biex ma jkunx hemm ostruzzjoni ghall-vista mic-centru tal-lokal ghall-Fortizza ta' Pembroke u vici versa.

5.12. B'riferenza ghall-policy **NHPE 08** kien hemm qbil generali bejn il-Kunsilliera li l-Kunsill jaqbel li jigi estiz ic-Cimiterju ta' l-inglizii izda li l-estenzjoni ghadha ssir lejn il-White Rocks mhux kif qed jigi propost u dan biex ma jkunx vicin ir-residenti kif ukoll minhabba problema ta' parking li tista' tinholoq.

5.13. B'riferenza ghall-policy **NHPE 09** kien hemm qbil generali bejn il-Kunsilliera li l-izvilupp propost ghandu jsir qabel il-bidu ta' kull progett infrasfrutturali gdid kif ukoll li s-servizzi kollha ghandhom ikunu minn taht il-livell tat-triq bhal fil-kaz li sar l-Imtarfa.

5.14. B'riferenza ghall-policy **NHPE 10** kien hemm qbil generali bejn il-Kunsilliera tal-htiga ta' link road. Il-Kunsill ghandu jirrakkomanda li l-Awtorita' taghti kaz il-problema ta' l-gharar.

5.15. B'riferenza ghall-policy **NHPE 11** kien hemm qbil generali bejn il-Kunsilliera li l-AFM jigu ri-allokati f'Pembroke bil-possibilita' li jinstab sit fl-inhawi tal-garaxx

tal-Pulizija u li fil-kaz tal-Compound tal-Pulizija l-Kunsill ma jikkunsidrax li jinsab port alternattiv fil-lokal.

5.16. B'riferenza ghall-policy **NHPE 12** kien hemm qbil generali bejn il-Kunsilliera li l-Kunsill ghandu joggezzjona ghal-Sit E minhabba ragunijiet li nghataw aktar qabel, li Sit H huwa diga okkupat minn Skola Privata u m'hemmx lok t'aktar bini kif ukoll minhabba l-fatt li l-ispazju li fadal ghandu jigi utilizzat biex isir parking ghal-uzu ta' l-iskejjel tal-vicin, li l-bini ta' Sit I ghandu jkun kompatibbli ma' l-istil ta' bini ta' zmein is-servizzi inglizi li hemm fl-inhawi kif ukoll li fir-rigward ta' Sit G ghandu jithalla mhux anqas minn 6 metri minn mat-Triq li hemm fid-dahla tas-sit biex isir bhala landscaping.

5.17. B'riferenza ghall-policy **NHPE 13** kien hemm qbil generali bejn il-Kunsilliera li fir-rigward ta' l-uzu tal-Fortizza ta' Pembroke ghandu jkun permessibbli biss l-uzu ta' kategoriji 5, 7 u 8 u fir-rigward tac-'Church & Churchyard ghandu jigi kkunsidrat biss sezzjoniijiet 5, 7 u 9.

5.18. B'riferenza ghall-policy **NHPE 14** kien hemm qbil generali bejn il-Kunsilliera li l-Kunsill jesigi li minghajr aktar dewmien titfassal policy dettaljat ta' x'qed jigi propost ghas-sit indikat liema policy ghandha tamghilha cara li mhux permessibbli li jkun hemm attivita' tard filghaxija u bil-lejl, il-bini ma jkunx gholi u jkun kompatibbli mal-kumplament ta' l-area u li jithalla green belt minn ma' Triq Gabrielle Henin biex tigi salvagwardjata l-vista li ser ikun hemm mill-Knisja u mic-Centru propost ghal-Triq il-Mediterran.

5.19. B'riferenza ghall-policy **NHPE 15** kien hemm qbil generali bejn il-Kunsilliera ghal din il-proposta.

5.20. Il-Kunsilliera qablu unanimament wkoll li meta jigi ppublikat il-pjan finali jkun jinkorpera wkoll il-progett tal-White Rocks Holiday Complex kif ukoll il-konfini kollha tal-lokal minhabba l-fatt li fuq il-pjan prezenti dan ma' jidhirx. Il-Kunsill qabel ukoll li la darba jigi finalizzat il-Kunsill ghandu jinghata pjanta kbira ddettaljata ta' dak li jkun gie finalizzat biex din tkun ghal wiri fl-Ufficcju tal-Kunsill fuq bazi permanenti.

5.21. Il-Kunsill iddecieda unanimament li jaghmel laqgha pubblika nhar il-Gimgha 5 ta' Lulju 2000 fis-sala ta' Iskola Primarja Bice Mizzi Vassallo fis-7.00 pm dejjem jekk jinghata permess mil-Iskola, biex jispjega f'aktar dettal dan il-pjan lir-residenti tal-lokal u jkun jista' jressaq is-suggerimenti u l-kummenti tieghu ghal-approvazjzoni.

## 7. Materji Ohra.

7.33. Is-Sindku Joe Zammit ghamel riferenza ghad-decizjoni li kien ha l-Kunsill f'Minuti riferenza 06/K3/2000 items 4.26 sa 4.28 dwar il-kwotazzjoni ghal-updating tal-Home Page fejn wara disksusjoni qasira u fuq rakkomandazzjoni tas-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg, ippropona li n-nefqa titiehed minn vot 2990. **( Ara Appendici H )**

7.34. Il-Kunsillier Ray Pace ssekonda.

7.35. Il-Kunsill qabel unanimament.

7.36. Il-Kunsillier Carmela Attard infurmat lill-Kunsill li l-Iskola Sir Adrian Dingli ghandha pjanijiet biex tinfetah triq ghal fejn il-Kunsill gahndu approvat li jaghmel gnien pubbliku fil-Qasam tad-Djar San Patrizju.

7.37. Wara diskusjoni qasira gie deciz unanimament li l-Kunsill jikteb lill-Awtorita' ta' l-Ippajnar biex jivverifika dwar dan kif ukoll biex tingibed l-attenzjoni li fil-post indikat il-Kunsill diga ghandu permessi approvati mill-Awtorita' biex isir il-gnien pubbliku.

7.38. Is-Sindku Joe Zammit qal li ghalkemm kien hemm issuggerit biex jigi ngaggat skrivan full time biss qal li kien qed jidher car li mix-xoghol li qed isir u ghal dak li hemm il-hsieb li jinbeda fil-futur qarib, anke s-servizz tal-part time hemm lok ghalih. Ghalhekk il-kelliem qal li kien wasal iz-zmien fejn il-Kunsill ghandu jiddecidea dwar l-ingagg ta' skrivan iehor fiull-time inkluz l-istaff li hemm diga mpjegat. Il-kelliem qal li l-ligi prezentament taghti l-facilita' li l-Kunsill jimpjega zewg impjegati full time w ghalhekk fid-dawl li l-process jiehu fit-tul kif ukoll li min jigi mpjegat ghandu jinghata zmien ta' prova kemm biex jigi analizzat il-kapacita tieghu kif ukoll sakemm jidra x-xoghol u fid-dawl ukoll li l-iskrivana part time fadlilha sena w nofs kuntratt ikun ghaqli jekk il-Kunsill jibda l-process ta' ngagg gdid biex wara jkun jista' jimpjega zewg persuni full time filwaqt li bhala part time ikun jista' jikri s-servizz ta' skrivan. Ghal dan il-ghan il-kelliem ppropona li jibda dan il-process twil.

7.39. Il-Kunsillier Ray Pace ssekonda.

7.40. Il-Kunsill qabel unanimament.

7.41. Il-Vici Sindku Paul Baldacchino talab li jigi skuzat fis-6.30 pm.

7.42. Il-Kunsillier Ray Pace qal li kellu hafna materjal lest dwar il-locality maps izda rrakkomanda li dawn ma jsirux qabel jigu approvati l-ismijiet il-godda tat-toroq.

7.43. Il-Kunsillier Ray Pace gibed l-attenzjoni li t-tabelli li kien hemm fi Triq Falsie li jindikaw li ma jistax isir parking kienu nqalghu u talab biex dawn jergghu jitwahhlu.

7.44. Is-Sindku Joe Zammit ppropona li fid-dawl li qed isir upgrading ta' l-Ufficcju Amminitrattiv u fid-dawl tad-decizjoni li jizdied l-istaff hemm bzonn li sir estenzjoni ta' l-ufficcju biex il-partion ta' l-uliminium li kienet ser issir minflok il-hajt li tnehha diga, tigi ezatt qabel it-tieqa li hemm fl-entratura. Hawn kemm il-Kunsilliera prezenti kif ukoll is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg hargu fuq il-post biex jaraw dak li qed jigi propost.

7.45. Il-Kunsillier Carmela Attard ssekondat.

7.46. Il-Kunsill qabel unanimament.

7.47. Is-Sindku Joe Zammit ghamel riferenza ghall-korrispondenza **1063** dwar attivita' li talbu li jaghmlu l-Island Car Club nhar il-Hadd 17 ta' Settembru u nhar il-Hadd 3 ta' Dicembru fil-Parade Ground ta' quddiem l-ex Raffles.

7.48. Il-Kunsillier Pierre Cordina ppropona li l-Kunsill ma jsibx oggezzjoni

7.49. Il-Kunsillier Carmela Attard ssekondat.

7.50. Il-Kunsill qabel unanimament.

7.51. Is-Sindku Joe Zammit ghamel riferenza ghall-korrispondenza **1057** minghand is-Sur Natalino Attard fejn offra s-servizzi tieghu ta' konsulenza ghat-tfassil ta' Bye Laws kif ukoll pariri dwar il-Ligi tal-Kunsilli Lokali.

7.52. Il-Kunsillier Ray Pace ppropona li l-Kunsill jaghmel kunttat mas-sur Natalino Attard biex jinforma lill-Kunsill kemm hija l-mizata tieghu ghal dan is-servizz.

7.53. Il-Kunsillier Pierre Cordina ssekonda.

7.54. Il-Kunsill qabel unanimament.

7.55. Il-Kunsillier Pierre Cordina nforma lill-Kunsill li s-Sotto Kumitat kien qed jghin lic-Centru Pastorali biex tittella' attivita' sportiva nhar il-Hadd 9 ta' Lulju biex jingabru fondi ghac-Centru Pastorali Kristu Rxoxt.

7.56. Il-Kunsillier Pierre Cordina informa lill-Kunsill ukoll li finanzjarjament ma kienx prattikabbli li ssir Shield biex tinghata lill-BMX kif kien gie deciz fil-laqgha li ghaddiet w ghalhekk ppropona li minflok jinghataw sponsor ta' Lm 20.00.

7.57. Is-Sindku Joe Zammit ssekonda.

7.58. Il-Kunsill qabel unanimament.

7.59. Il-Kunsillier Ray Pace qajjem il-problema tar-reinstatement tax-xoghol li qed isir mil-Korporazzjoni ghas-servizzi ta' l-Ilma fejn qal li l-Kunsill ghandu jiehu azzjoni biex ma jitkompliex isir xoghol simili li huwa naccettabli fid-dawl ukoll ili kienet il-Korporazzjoni stess li ftit tax-xhur ilu kienet approvat li jsir xoghol ta' tarmac mill-Kunsill f'numru ta' toroq.

7.60. Is-Sindku Joe Zammit qal li hu flimkien mas-Segreatrju Ezekuttiv Kevin Borg nhar it-Tnejn 29 ta' Mejju 2000 kellhom laqgha mas-sur Richard Darmani tal-WSC rigward Triq Mikiel Ang Grima, Triq Amabile Sisner, Triq il-Kurunell Lorenzo Manche, Triq Ignazio Gavino Bonavita u Triq Felice Nglott u dan rigward il-moghod kif qed isir ir-reinstatement kif ukoll il-problemi tal-main li qed ikollu hsara frekwenti minhabba li m'hemmx ramel fuq il-main kif suppost peress li huwa tal-plasik.

7.61. Wara diskusjosni qasira gie deciz unanimament li l-Kunsill jikteb ittra lill-Ministru koncernat fejn jinaghta gimgha cans biex iwiegeb u fin-nuqqas ta' dan il-Kunsill ma jkollux triq ohra ghajr li jirrikori ghal-passi legali ghad-danni li qed isiru mil-Korporazzjoni.

7.62. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg pprezenta rapport tat-tenders li nfethu nhar l-Erbgha 21 ta' Gunju 2000 fil-11.00 am fil-prezena tas-Sindku Joe Zammit, il-Kunsilliera Carmela Attard u Pierre Cordina kif ukoll raprezentant tal-kumpanija Penza Construction Limited. **( Ara Appendici I )** Il-kelliem qal li kopja tar-rapport kien diga ntbaghat lill-Kumpanija MED Design biex sa laqgha ohra tkun preparat rapport biex tkun tista' titiehed decizjoni dwar min ser jinghata x-xoghol.

7.63. Il-Laqgha intemmet fid-9.00 pm wara li ntlahaq ftehiem li l-laqgha li jmiss issir nhar l-Erbgha 28 ta' Gunju 2000 fl-4.00 pm.

| | |
|---|---|
| **Joe Zammit** | **Kevin Borg** |
| **Sindku** | **Segretarju Ezekuttiv** |